MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 1/2007

**Antonia Micallef**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Dicembru, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Dipartiment li skond l-appellanti kienet giet lilha komunikata verbalment kif ukoll l-appell li hija intavolat fil-31 ta' Jannar 2006 permezz ta' ittra tal-Accountant taghha; jidher li pero' li din id-decizjoni kienet ukoll indikata f' ittra tal-21 ta' Novembru 2005, ra ukoll id-decizjoni tad-9 ta' Frar 2006 fejn l-appellanti giet mitluba

> tirrifondi l-pensjoni li kienet irceviet mill-1 ta' Jannar 2005 ta' Novembru 2005, kif ukoll l-appell taghha tat-22 ta' Frar 2006.
>
> Peress li l-meritu ta' appell wiehed huwa relatat ma dak tal-appell l-iehor dawn iz-zewg proceduri qed jigu trattati u ser jigu ukoll decizi flimkien.
>
> Id-decizjonijiet tad-Direttur ittiehdu wara li mill-informazzjoni tal-banek irrezulta li l-appellanti kellha aktar minn Lm6,000 depositati f' isimha; hija spjegat li dawk l-ammonti kienu jinkludu somom li jappartjenu lil ommha u prova ta' dan esebiet il-kontijiet relativi li juru li l-ammonti li ommha kienet tircevi bhala ghajnuna mid-Dipartiment kienu jitpoggew kollha fil-kont intestat lill-appellanti.
>
> Irid jigi rilevat li l-appellanti ma kienitx taqbez il-massimu konsentit b'somom kbar u ghalhekk jekk jigu imnaqqsa mill-kapital ta' Antonia Micallef, il-flus li ommha kienet tircievi, dan kien jidhol taht il-massimu. Mill-ezami tad-dokumenti li sar mill-istess dipartiment jirrezulta b' mod ciar li kull ma kienet tircevi ommha kien jidhol kollu fil-kont tal-appellanti.
>
> Irrezulta li fit-13 ta' Gunju 2005 l-appellanti gibdet Lm7000 u poggiethom f'kont fixed f'isimha u allura minn dak inhar hija kellha kont separat li kien jappartjeni lilha biss u f' dan il-kont ma tpoggewx aktar il-beneficcji ta' ommha.
>
> Ghalhekk id-decizjoni tad-Dipartiment li jwaqqaf l-ghajnuna lill-appellanti kienet gustifikata anki it-tieni decizjoni kienet gustifikata b'dan pero' li l-perjodu tar-rifuzjoni m'ghandux jibda mill-1 ta' Jannar 2005 imma mit-13 ta' Gunju 2005 u jkompli sal-25 ta' Novembru 2005."

L-aggravju baziku tar-rikorrenti Antonia Micallef fil-kontestazzjoni tas-sentenza ta' l-Arbitru jikkonsisti f' dan.

Hi tissottometti illi anke il-kapital tal-kont bankarju fiss jirraprezenta ammonti ta' flejjes proprji u dawk l-ohra ta' ommha konsistenti f' *accruals* tal-pensjonijiet mensili. Konsegwentement, tikkontendi illi la ghamlet din il-prova u din lahqet il-grad li trid il-ligi, l-Arbitru ma setax jinjoraha;

Il-fatti ewlenin tal-kaz huma pjuttost semplici. Fuq il-bazi tad-dokumenti bankarji esebiti jirrizulta illi fit-13 ta' Marzu 2003 infetah *savings account* mal-HSBC fejn fih kienu jigu konfluwiti kemm id-dhul tal-beneficcju tal-Wens percepit mill-appellanti kif ukoll dak tal-pensjoni mensili ta' ommha. Mill-istess *statements* bankarji jirrizulta wkoll illi fit-13 ta' Gunju 2005 minn dan l-istess *account* giet estratta s-somma ta' sebat elef lira (Lm7000) u ri-investita f' akkont fiss ma' l-istess Bank. Id-Dipartiment konvenut deherlu li l-kapital li kellha l-appellanti kien jeccedi l-iskala massimali prevvista mit-Tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kapitolu 318) u ghadda biex waqqfilha l-beneficcju tal-Wens u jitlobha r-rifuzjoni tas-somma lilha mhallsa ghall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-25 ta' Novembru 2005;

L-appellanti ressqet appell quddiem l-Arbitru kontra din id-decizjoni tad-Direttur appellat bl-aggravju li dak il-kapital li kien f' isimha ma kienx kollu taghha ghax kien jikkontjeni flejjes li kienu ta' l-omm u dwarhom kellha biss l-amministrazzjoni gestorja u mhux ukoll it-titolu;

Mhux eskluz illi fir-realtajiet socjali ta' pajjizna jezisti fost membri tal-familja, specjalment fil-kaz ta' persuni anzjani, dan ir-rapport sottostanti ta' gestjoni minn xi membru tal-familja ta' l-affari tal-persuna anzjana. L-essenza ta' attivita bhal din f' isem haddiehor tirravviza ruhha proprju f' dik ir-relazzjoni interkorrenti bejn id-dover li dak li jkun jadempixxi l-gestjoni, il-konformita ma' l-indikazzjonijiet ta' min jinkarigah u dak tal-karattru vinkolanti tar-rapport guridiku korrelat mar-realizzar ta' dik il-funzjoni fl-interess ta' haddiehor;

Issa meta wiehed jigi biex japplika dak li nghad ghall-kaz in ispecje, ossija ghar-rizultanzi tieghu, ma jistax ikun *a priori* eskluz illi din l-attivita gestjonali ta' l-appellanti kienet

tezisti f' dan il-kaz u li dan il-poter gie hekk konferit lilha mill-omm. Dan jidher ghal certu vers hekk ammess mill-Arbitru fil-korp tas-sentenza appellata, u hu hekk deducibbli mill-fatt illi l-Arbitru rrikonoxxa illi anke il-pensjoni ta' l-omm kienet qed tidhol fl-akkont *savings* f' isem l-appellanti;

Ghalkemm din tidher *a prima vista* ta' inferenza rilevanti ghal dik id-deduzzjoni tal-gestjoni tal-flejjes appartenenti lill-omm, dan mhux bilfors li hu hekk il-kaz, ossija li mhux bilfors li l-Arbitru kellu jassumi, kif hekk pretiz mill-appellanti, illi s-sottomissjoni taghha fuq hekk kellha titqies ghal kollox attendibbli, meta hu ma jkunx konvint minn dan, ghax kapaci jezistu spjegazzjonijiet ohra. Hekk, ad ezempju, ma setax ikun eskluz illi l-omm setghet ukoll iddonat parti mill-kapital taghha lill-appellanti jew ghaddiethomlha bhala rikonoxximent ghal servigi li kienet qed tipprestalha. Li jfisser, li ebda inferenza prezuntiva ma setghet tingibed mill-fatt biss illi l-pensjoni ta' l-omm kienet qed tidhol fl-akkont ta' l-appellanti;

L-Arbitru certament ma kienx mghejjun mill-fatt illi l-appellanti u ommha ma offrewx, bid-debita deposizzjoni, l-ispjegazzjoni taghhom ghas-sostenn tal-gravam li tressaq quddiemu. Prova jew spjegazzjoni din li, kif inhu risaput, kien jaggrava fuq l-appellanti li ggibha 'l quddiem ghall-apprezzament mill-Arbitru u ghal-liberu u prudenzjali konvinciment tieghu. Hu sew maghruf minn gurisprudenza konsolidata illi dak l-apprezzament jifforma strument diskrezzjonali rizervat lil min irid jiggudika fil-mertu u, dment li jirrizulta hekk koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati, dan l-istess apprezzament jibqa' insindakabbli minn Qorti ta' revizjoni. Certament, il-prova ta' l-i*statements* bankarji ma tistax titqies konkluziva jew ta' grad tali li *nolens volens* kellha twassal biex id-decizjoni appellata tkun estratta unikament minnha. La l-principju tal-konvinciment u lanqas dak tac-certezza morali ma jinducu ghal dan.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell domandanti r-revoka tas-sentenza appellata ta' l-Arbitru u

fis-sens premess tikkonferma l-istess sentenza, bl-ispejjez, fic-cirkustanzi, bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------